MINUTI

# Laqgħa Annwali tal-Lokalita' Il-Munxar

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru LAL/01/2022

Il-Ħamis 7 t'April 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar laqqa' lill-pubbliku għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' fl-fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar Għawdex' nhar Il-Ħamis 7 t'April 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

ATTENDENZA MILL-PUBBLIKU: 5

Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

Din il-laqgħa ssejħet skont kif jistipula Artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Għal din il-laqgħa setgħu jieħdu sehem r-residenti li isimhom jidher fuq l-aħħar reġistru elettorali tal-Munxar, li dawn ġew innotifikati permezz ta' avviż li tqassam f'kull residenza.

**1.1 Qari u approvazzjoni tal-minuti;**

1.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-aħħar laqgħa pubblika bin-numru LAL/02/2021 u dawn ġew approvati minn dawk preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**1.2 Ir-Rapport Amministrattiv tas-sena 2021;**

1.2.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, ippreżenta r-Rapport Amministrattiv tas-sena 2021 li kien approvat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar għall-attenzjoni tal-membri tal-pubbliku preżenti li huwa wkoll aċċessibli fuq il-*website* tal-Gvern Lokali.

**1.3 Ir-Rapporti Finanzjarji tas-sena 2021;**

1.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, ippreżenta r-Rapporti Finanzjarji tas-sena 2021 għall-attenzjoni tal-membri tal-pubbliku preżenti liema rapporti kienu approvati f'laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar aktar kmieni din is-sena u mibgħuta lill-awdituri.

**1.4 Pjan ta' Ħidma għas-sena 2022;**

1.4.1 Is-Sindku ppreżenta l-pjan ta' ħidma tal-Kunsill għas-sena 2022. Fost l-oħrajn huwa għarraf lil dawk preżenti li f'din is-sena apparti x-xogħlijiet operattivi ta' manutenzjoni u amministrattivi ta' kuljum, il-Kunsill Lokali ser ikun qed jimplimenta diversi proġetti kapitali fosthom it-tisbieħ ta' Pjazza tal-Knisja fil-Munxar, ir-restawr tat-Torri tax-Xlendi, restawr ta' diversi ħitan tas-sejjieħ kif ukoll bini ta' bankina

u *belvedere* ġdid fi Triq L-Isqawi fil-Munxar, manutenzjoni fi Ġnien il-Professur Ġużeʼ Aquilina u *pitch* sintetiku ġdid tal-futbol.

1.5 **Suġġerimenti mill-Pubbliku Preżenti;**

1.5.1 Resident ressaq xi talbiet u suġġerimenti fosthom il-bini taʼ ħitan tas-sejjieħ fl-inħawi tas-Sanap, manutenzjoni taʼ bankina fi Triq Dun Spir Gauci u bdil taʼ arblu tad-dawl fl-istess inħawi.

Resident ieħor staqsa dwar l-iżvilupp li qed isir fi Triq San Xmun fi stabbiliment tal-ikel, kif ukoll issuġġerixxa għal aktar *traffic calming measures* fit-toroq tal-lokalitaʼ.

Resident ieħor issuġġerixxa għal aktar tabelli u għarfien dwar il-ġbir tal-ħmieġ tal-klieb.

Resident ieħor staqsa dwar il-proġett taʼ Triq L-Isqawi, dwar is-sistema tad-dawl fi Triq 10 taʼ Frar, dwar il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja filwaqt li ssuġġerixxa l-ftuħ taʼ librerija tal-komunitaʼ.

1.6

1.6.1 Is-Sindku indirizza lill-membri preżenti filwaqt li ħa nota tas-suġġerimenti tagħhom.

**Tmiem il-laqgħa.**

Il-laqgħa ntemmet fis-6.00 taʼ filgħaxija.

Damien Spiteri
Sindku

Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv